MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Avviz Numru. 95/2015

**Rikors ta' Annamaria Spiteri Debono konsegwenti ghall-Ittra Ufficjali bin-numru 535/15 datata 2 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet:**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Vs**

**Annamaria Spiteri Debono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Annamaria Spiteri Debono li gie pprezentat nhar it-18 ta' Marzu 2015 fejn talbet lil din il-Qorti s-segwenti:

1. *"Illi fl-10 ta' Marzu, 2015 ir-rikorrenti giet notifikata bl-anness att gudizzjarju – Dokument 'ASD'.*
2. *Illi preliminarjament ir-rikorrenti tissottometti illi l-att huwa null billi:*
   - *2.1. It-tlett (3) porzjonijiet A, B u C Sqaq Sant'Anglu, Zejtun jappartjenu lill-eredi kollha tal-Baruni Testaferrata Bonici u mhux biss lil Agnese Gera de Petri Testaferrata Bonici u Annamaria Spiteri Debono u ghaldaqstant il-gudizzju mhux integru.*
3. *Bla pregudizzju ghal fuq espost it-talba tal-Kummissarju tal-Artijiet hija ghal kollox infondata peress illi c-cens fuq il-fond 21, St. Angelo Lane, 3 Portions ABC, Zejtun jappartjeni lill-Abbazija ta' Sant Angelo.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett kollu illi dina l-Qorti jogghobha tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tal-Artijiet hija ghal kollox infondata u ghalhekk ghandha tigi michuda.*

*Bl-ispejjez."*

Rat in-nota tal-Kummissarju tal-Artijiet pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-13 ta' April 2015 li permezz taghha huwa rtira l-Ittra Ufficjali bin-numru 535/15 datata 2 ta' Marzu 2015 stante li jirrizultalu li din mhix indirizzata kontra l-eredi kollha ta' Lino Testaferrata Bonici.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta’ April 2015 dehru r-rikorrenti li hadu konjizzjoni tal-imsemmija nota fuq indikata u talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Ghaldaqstant peress illi l-Ittra Ufficjali 535/15 giet irtirata l-mertu tar-rikors illum gie ezawrit u ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez involuti f’dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------